MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**LAURENCE QUINTANO**

Seduta tat-28 ta' Lulju, 2010

Numru 889/2008

**Il-Pulizija**
**(Spettur Ivan Cilia)**

**vs**

**Ian Zahra**

Il-Qorti

Rat l-imputazzjoni dedotta kontra Ian Zahra ta' 46 sena bin Austin u Mary nee Sciortino, imwieled tas-Sliema fid-19 t'Ottubru 1962 u li joqgħod fl-indirizz 146 Fleur de Lys Road Birkirkara u detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 666462(M)

Akkużat talli f'Mejju 2008 u fiż-żminijiet ta' wara ġewwa dawn il-Gżejjer, b'diversi atti magħmulin fi żminijiet

differenti iżda li jiksru l-istess dispożizzjoni tal-Liġi u li ġew magħmula b'riżoluzzjoni waħda

(a) Approprija ruħu billi dawwa bi profit għalih jew għal persuna oħra s-somma ta' aktar minn elfejn tleit mija u disgħa u għoxrin Ewro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2,329.37.37) għd-dannu ta' Anton Busuttil Dougall, liema somma ġiet fdata jew ikkunsinnata lilu taħt titolu li jġib miegħu l-obbligu tar-radd tal-ħaġa jew li jsir użu minnha speċifiakt, liema somma ġiet fdata lilu minħabba l-professjoni, industrija, kummerċ, kariga jew servizz tiegħu;

(b) B'hekk huwa ksier il-kundizzjoni li biha kien illiberat bil-kundizzjoni li ma jagħmilx reat ieħor fi żmien sena u dan b'sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati fl-1 ta' Lulju 2008 liema sentenza saret definittiva u ma tistax tinbidel.

Rat l-atti kollha tal-proċess inklużi ċ-ċertifikat tat-twelid li jġib in-numru 6664 tas-sena 1962, is-sentenza 'Il-Pulizija versus Ian Zahra tal-24 ta' Marzu, 1997 (a fol 19), u s-sentenza 'Il-Pulizija versus Ian Zahra' tal-1 ta' Lulju 2008 (section 22 tal-Kap 446 għal sena) u s-sentenza 'Astoria Limited versus Ian Zahra' (fol 34), il-fedina penali tal-imputat, id-dokumenti a fol 24 u 25 u d-dokument AB (Memorandum mogħti lill-imputat mill-Kumpanija) (fol 47).

Semgħet ix-xhieda bil-ġurament.

Semgħet it-trattazzjoni.

Ikkonsidrat

Skond il-Prosekuzzjoni, ċertu Anton Busuttil Dougall kien għamel rapport li ċertu Ian Zahra kien immisapproprija s-somma li tleħħaq 4268.47 Euros. L-imputat kien impjegat bħala restaurant manager bejn l-14 t'April 2008 u t-12 ta' ġunju 2008. Partii mir-responsabilita' tal-imputat kien li jieħu Z readings minn ġol-cash tills. Kellu jirresġistrahom u jdaħħalhom f'diary apposta. Il-flus kellhom ikun sealed f'envelopes. L-imputat kien mogħti €850 bħala cash flow. War ftit ġimgħat beda jidher li Z-Readings ma kinux f'ordni

kronoloġika meta dawn suppost ikunu wara xulxin. (Ara d-dok a fol 25 fejn z-Z readings jruu dawn in-numri: 19, 22, 33, 34, 36, 37, 39, 40, 46, 47, 48, 51, 465, 472, 478, 485, 487, 489, 491, 493, 494, 499, 500, 501, 503, 504, 507. Dan ikopru d-dati 11 ta' Mejju 2008 sa 29 ta' Mejju 2008. Id-dokument ikompli juri liema z-readings kienu nieqsa.

Fl-istqarrija tiegħu l-imputat qalli hu kellu jieħu żewġ readings fuq iż-żewġ cashpoints u kellu jagħmel il-flus f'envelopp li kellhom apposta. Fil-cash dejjem kien iħalli floating cash. Huwa kien jieħu Z-readings darbtejn kull jum, fil-ħamsa ta wara nfos in-nhar u filgħaxija. Il-flus kien iħallihom fl-uffiċċju li kellhom u kull erba' jew ħamest ijiem is-Sur Dougall kien jiġborhom.

Peremzz tad-dokuemnt datat 9 ta' Mejju 2008 l-imputat kellu jirrikordja z-Readigns fid-diary.

L-imputat qal li ma kienx jaf x'ġara mill-flus taz-Z readings. Kien hemm tliet persuni li kellhom aċċess għall-kamra – is-Sur Dougall, it-tifel tiegħu Rudi u ċertu Peter. Wara l-każ taz-Z readings is-sur Dougall kein qallu biex jagħmel il-flus fis-sejf. Is-27 Z reading li kien hemm nieqsa kienu kollha meta kien xogħol.

Dwar il-flus neqsin mill-cash flow, l-imputat qal li dawn kellhom aċċess għalihom is-sur Dougall kif ukoll Peter.

Xehed ukoll Anton Busuttil Dougal qal li l-imputat kien il-bniedem responsabbli tal-ammont u tal-caseh. Instabu ħafna flus neqsin minkejja li kienhemm aktar readings maqtugħin mill-machine. Jiġifieri z-Z readings bis-sales ta' kull jumkeinu maqtugħin. Il-flus kienu inġabru u tneħeħw mill-kexxun u l-imputat kein il-bniedem responsabbli għal dan il-proċess. Meta kien ikkonfrontah u staqseih x'sar minnhom il-flus, l-impujtat ma kienx tah tweġiba. Is-soltu l-imputat kien jiġborhom u jagħtihom lix-xhud. L-imputat tah flus oħra iżda kien hemm ħafna neqsin. L-imputat kien jieħu z-Z reading u t-total jagħtik la-mmont. Meta tgħodd il-float, dak li bdejt bih u l-bejgħ u

tneħħieh, tagħmilhom f;envelope. Dawn huma z-Z readings.

Ix-xhud ikkonferma lid an kien le-nvelope li suppost jintuża għall-flus. Is-sitema kienet ilha tintuża 20 sena. Iz-Z readings huma enumerate u ma tistax taqbeż wieħed. Il-machines huma skont il-Liġi tal-VAT. Iz-Z reading jitla' ma' kull envelope u meta mart ix-xhud bdiet tissortjahom kellha numri kbar ta' Z readings neqsin li hawn photocopy tagħhom hawn hekk. Kull Z reading mhxu bilfors isarraf ġuranta iżda jista' jsarraf f'xift.

Malli sabu dan l-ammont nieqes mill-ewwel kienu waqqfu lill-imputat mix-xogħol. Ix-xhud kien talab spjegazzjoni lill-imputat quddiem Peter Scicluna sabiex ix-xhud ma jkunx waħdu. Kien saħansitra tah iz-Z numbers li tatu l-mara. Iżda dawn ma ġabhomx wara li kien wiegħed li ser ifittixhom. (fol 30). Meta ġie lura mil-leave, ix-xhud reġa' saqsieh dwar in-nuqqas ta' flus iżda l-imptuat ma tax tifsira. Dak il-ħin waqqfu mix-xogħol. Sakemm kien qed jieħu ħsieb it-tifel, ix-xogħol kien impekkabbli. Kienu għamlu kawża kontra l-imputat li ma kenitx kontestata u x-xhud kellu kopja informali tas-sentenza.

Ix-xhud ikkonferma l-kwerela u s-somma ta' 4286.47 Euros[1] waslu għalih miz-Z readings kollha li kienu neqsin. Kien hemm ukoll 164 Euros neqsin mill-cash float. .

Xehed ukoll Peter Scicluna li ilu jaħdem mal-istess soċjeta' 19-il sena. Huwa kein ġibed l-attenzjoni tal-imputat li beda jsib il-flus nieqsa. Huwa spġjega kemm hu faċli li ssib il-flus neqsin li jkollhom iz-Z reading u tgħodd x'kellek fil-float. Imbagħad taw lill-imputa il-password biex jieħu ħsieb kollox hu. Jekk sar xi petty cash, dan ried ikun hemm riċevuta għalihom.

Xehdet ukoll Mariella Dougall li spjegat kif fi tmiem il-jum isir iz-Z reading u jagħmluhom ġo envelop bid-data, z-Z read number u l-ammont. Dawn jagħtuhom lilha. Hi kienet

[1] Ara wkoll l-istess ammont kif jidher fis-sentenza deċiża mill-Maġistrat Dr.Apap Bologna (fol 34 u 35).

tirrealizza li kien hemm z-reading imqabbża mid-date u n-numbers.

**Id-Difiża**

L-imputat qal li għalkemm kien iżomm il-cash ma kienx waħdu li kiellu aċċess għall-uffiċju. Gieli bin l-owner kien jeiħu ħsieb il-flus hu. Huwa nnega li kien ħa l-flus. Huwa qal ukoll li fl-ewwel ġimgħa li kien jaħdem kienu nstabu wkoll xi l-flus neqsin u l-imputat beda jitolbu li l-aċċess ikun ristrett għalih. Huwa qal li l-flus kien jgħoddhom quddiem il-kaxxier u mbagħad iwaddbuhom fl-uffiċċju. Is-sur Dougall kien imur u jiġborhom.

Fil-kontro-eżami semma n-nies li ġieli kienu jkunu fl-uffiċju fosthom membri tal-familja, id-direttur u ċertu Peter. Kultant kien hemm it-technician tal-computer u xi nies oħrajn.

Kine ħareġ memo mis-sur Dougall beix jibda jħallihom fis-safe. Ix-xhud qal li z-readings kienu fl-uffiċju. Huwa kein qalu l-uffiċċju kollu u qlalu li ma sabhomx. Mad-direttur baqa' jinsisti li kienu jidħħlu ħafna neis hemm ġew. Meta ħareġ bil-leave, huwa ma kienx ja min kien ħa over. L-imputat qal ukoll li l-float ma kenitx tkun iċċekkjata kull jum.

Huwa qal ukoll li fl-aħħar tax-shift ġieli z-Z readings u l-cash ma qablux. Ġilei kinue jkunu over. Jekk ikun over, kienu jpoġġu l-flus għalihom għal meta jiġu short. L-imputat ftakar xi okkazjoni meta ġie short. Hawn kien mistoqsi jekk dan l-ammont kienx jitla għal 4300 Euro. Huwa wieħeb li żgur li le. Huwa kellu acċċess għas-safe u ġieli ħa xi flus minnu, jtellagħhom fuq u jitlob li dawn jissarrfu f'żgħar minħabba l-weekend. Huwa ma ftakarx għala ma kienx tela' l-Qorti għall-kawża ċivili.

**Konsiderazzjonijiet tal-Qorti**

L-elementi prinċipali tal-approprijazzjoni bla jedd huma:

(a) Ħaġa ta' ħaddieħor – li jista' jkun flus jew oġġett;
(b) fdata lill-persuna oħra;

(ċ) bl-obbligu tar-radd tal-ħaġa jew obbligu ta’ użu speċifikat;
(d) Li l-persuna lit kun fdata bl-oġġett iddawwar fi profit għaliha’

Jispjega Luigi Majno

“Trattandosi di somme di denaro,” jispjega Luigi Majno, “l’accertamento della
conversione puo` presentare in pratica qualche difficolta`; le negata *restituzione* – anche indipendentemente da una legale costituzione in mora – e` certamente una forma di consumazione; ma la consumazione puo` risalire anche a prima della negata restituzione, ove si pongano in essere tali atti che dimostrino la intenzione di appropriarsi la cosa altrui – come l’impiego della somma in uso proprio o il suo nascondimento a scopo di sottrarla al proprietario.” (***Commento al Codice Penale Italiano***, UTET (1922), Vol. IV, para.
1951, pag. 105). U jkomli jżid hekk:

**‘Finalmente, a costituire il delitto di appropriazione indebita e` necessario il *dolo*. Trattandosi di delitto contro la proprieta`, a scopo d’indebito profitto per se` o per un terzo, il dolo sara` costituito dalla volontarieta` della conversione con scienza della sua illegittimita`, e dal fine di lucro: onde colui che si appropria o rifiuta di consegnare, nella ragionevole opinione d’un diritto proprio da far valere, non commette reato per difetto di elemento intenzionale. Per la stessa ragione, e per difetto inoltre di elemento obiettivo, non incorrera` in reato chi nel disporre della cosa altrui abbia avuto il consenso del proprietario o ragionevole opinione del consenso medesimo…Il dolo speciale nel reato di appropriazione indebita e` (come nel furto e nella truffa) l’animo di lucro, che deve distinguere appunto il fatto delittuoso, il fatto penale, dal semplice fatto illegittimo, dalla violazione del contratto, dell’inadempimento della obbligazione.’**

Wara din l-espożizzjoni legali, il-Qorti ser tgħaddi għall-eżami tal-fatti. L-imputat kull darba jsemmi l-possibilita' li kien hemm nies oħra li kellhom aċċess għall-uffiċju fejn kienu jitħallew il-flus. Huwa u jixhed imbagħad ikkoreġa lilu nnifsu meta qal li 'qabel' ma daħal jaħdem kienu nstabu l-flus neqsin iżda mbagħad bidel il-liema u qal 'fl-ewwel ġimgħa li beda jaħdem.' Skont ix-xhieda tas-sur Dougall, qabel daħal l-imputat, ix-xogħol tas-Sur Peter Scicluna kien impekkabbli. Malli daħal jaħdem l-imputat bdew jinstabu l-flus neqsin. Inbgħata dirrezzjonmi u ma segwihiex.

L-imptutat qal li kien jgħodd il-flus mal-kaxxier. Il-Qorti ma temmnux li kien jagħmel dan. Waqt li l-imputat f'kawża kriminali għandu dritt li ma jiftaħx ħalqu, iżda mbagħad jekk jallega fatt irid isostnih u mhxu sempliċement jgħid li kein jgħodd il-flus ma' X u dan X qatt ma jinġieb biex jikkonferma dan.

Tkompli ma temmnux għaliex meta beda jkun issikkat għall-flus talab il-leave mid-dar fuq fatti prattikament fittizji jew reżi ultra drammatiċi b'allegat qtugħ tas-saqajn ta' missieru li lqatt ma sar. Imbagħad qal minħbba l-pressjoni – raġuni xejn konviċenti għax kiekunofs Malta tieqaf taħdem għax xi ħadd mill-ġenituri jbati bil-pressjoni.

Iżda fuq kollox, dan kellu ċar u tond fil-kondizzjonijiet li hu kien reposnabbli miz-Z readings li jinqraw wara xulxin u ma tistax tibdilhom l-ordni minħabba l-Liġi tal-VAT. Dan mhux kien hemm waħda nieqsa iżda 27 u l-imputat kien il-bniedem responsabbli għaz-Z readings. Jekk f'19-il sena qabel ma deher l-imputat, qatt ma kien hemm ilment dwar dan, **kif malli daħal, fl-ewwel ġimgħa, beda n-nuqqas ta' flus. Kif jista' junk li l-imputat iwaħħal f'ħadd ieħor meta ma jidhrix li kien hemm xi bdil fil-personnel meta beda jaħdem hu? Kif jista' jkun li bniedem repsonsabbli għaz-Z readings f'affari ta' ftit ġimgħat (sew sew tmeinaj) jonqsulu mhux inqas minn 27 Z-reading.**

L-ispjega jew il-prova jew aħjar l-allegazzjoni li kien ikun hemm nies oħrajn fl-uffiċju bl-ebda mod ma jagħtu spjega

għal dan il-fenomenu li sar f'anqas minn tmien ġimgħat li minnhom irid jitnaqqas iż-żmien ta' meta l-imputat qabad u ħa l-leave permezz ta' telefonata mid-dar għal raġunijeit xejn konvinċenti.

Fuq kollox, l-imputat kien rinfaċċjat bi proċeduri ċivili fejn hu naqas li jidher. Meta kien mistoqsi dwar dan huwa qal 'Ma niftakarx għalfejn ma tlajtx il-Qorti.' Żgur li din ir-risposta mhux konvinċenti. La ġejt notifikat u int qed tgħid li ma wettaqt xejn ħażin allura mintix ser tibqa' lura biex tirrispondi talba ta' din ix-xorti. Lanqas għall-grazzja tal-argument jekk l-imputat ma kellux biex iħallas avukat, seta' xorta japplika għal-Legal Aid li kienet tingħatalu jekk hu jissodisfa l-kriterji.

Għalhekk il-Qorti qed issib lill-imputat ħati tal-ewwel imputazzjoni.

Dwar it-tieni imputazzjoni din ġiet ippruvata bil-preżentata tas-sentenza a fol 22 fejn l-imputat jidher li għandu l-istess konnotati bħalma jidhru fiċ-ċitazzjoni odjerna – l-istess missier, l-istess data tat-twelid, u l-istess post tat-twelid.[2] Hawnhekk kien liberat b'kundizzjoni għal sena. Is-sena tal-conditional discharge kienet għadha ma għaddietx għax is-sentenza ngħatat fl-1 ta' Lulju 2008.

Għalhekk il-Qorti ssibu ħati tat-tieni imputazzjoni.

Konklużjoni

**Il-Qorti, wara li rat l-artikoli 17(b), 293, 294, 18, 31, 310 (1)(a) u 533 tal-Kap 9 u l-artikolu 23 tal-Kap 446 issib lill-imputat ħati taż-żewġ imputazzjonijiet dedotti kontrih.**

**Dwar il-piena, il-Qorti kkonsidrat li l-imputat kien għadu kif ħa sentenza ta' conditional discharge li kienet għadha ma għaddietx u fost l-imputazzjonijiet**

[2] Il-Qorti qed tinjora s-sentenza tal-24 ta' Marzu 1997 għax kien għaddew aktar minn 5 snin minn tmiem din nis-sentenza.

**kien hemm il-frodi u l-approprijazzjoni bla jedd. Is-somma taqbeż l-elf lira Maltin jew 2340 Euros. [3] L-imputat diġa' ngħata ċansijiet qabel u għalhekk issa jidhrilha li sentenza ta' priġunerija effettiva hija flokha. Għaldaqstant, il-Qorti qed tikkundanna lill-imputat għal 18-il xahar priġunerija wara li ħadet in konsiderazzjoni l-artikolu 17(b) tal-Kap 9 u l-piena għas-sentenza preċedenti ta' conditional discharge.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------

[3] Il-piean hawn trid tkun bejn 13-il xahar u 7 snin. (Artikolu 310(1)(a)